19 Marzu 2007

## Il-Vici Prim Ministru Tonio Borg fl-Awstralja

**Il-Vici Prim Ministru u Ministru tal-Gustizzja u l-Intern Tonio Borg bhalissa jinsab l-Awstralja fejn ser ikollu ghadd ta' laqghat ma' organizazzjonijiet u ghaqdiet u komunitajiet ta' emigranti Maltin li jghixu fl-Awstralja.**

**Tonio Borg ser jirraprezenta lill-Prim Ministru f'laqgha tal-Commonwealth, li bhalissa Malta ghandha l-presidenza tieghu, dwar il-Gvern Lokali, li f'Malta jaqghu taht id-dekasteru tieghu, li ser issir f'Auckland, New Zealand.**

**Waqt il-mawra tieghu fl-Awstralja, il-Vici Prim Ministru kellu ukoll laqghat ma' ufficjali gholja tal-Gvern Awstraljan fosthom l-Onor Steve Bracks, Premier, u l-Professur David de Kretser, Gvernatur ta' l-Istat ta'  Victoria.**

**F'Camberra, il-Vici Prim Ministru ser jiltaqa ufficjalment ma' l-Onor Kevin Andrews, Ministru ta' l-Immigrazzjoni,  l-Onor Alexander Drowner Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u l-Onor David Johnston Ministru tal-Gustizzja. Huwa ser jaghmel ukoll zjara ta' kortesija lill-E.T Paul Valvert, President tas-Senat Awstraljan.**

**F'Sydney, Tonio Borg ser ikollu laqghat ma' l-Onor Marie Bashir, Gvernatur ta' New South Wales u l-Onor John Aquilina, Speaker tal-Assemblea Legislattiva ta' NSW.**

**F'Sydney ukoll il-Ministru Tonio Borg ser jiltaqa mal-Komunita Maltija u fost laqghat ufficjali huwa ser jiltaqa' mal-Kamra tal-Kummerc Maltija fl-Awstralja u l-Kunsill tal-Kommunita Maltija f'New South Wales.**

**Wqart iz-zjara tieghu il-Vici Prim Ministru ser izur ukoll ghadd ta' skejjel li jghallmu l-Malta fejn ser jipprezenta numru ta' kotba dwar il-lingwa Maltija, il-La Vallette Social Club kif ukoll ser izur il-Monument ta' l-Immigranti Maltin f'Penle Hill.**

**L-iskop principali tal-mawra tieghu fl-Awstralja izda huwa li, wara li fi Frar kien habbar proposti tal-Gvern sabiex tinaghta cittadinanza Maltija lis-*second egenration born abroad,* qabel ma jigi poubblikat l-abbozz ta` ligi, huwa jispjega lill-komunitaijiet Maltin l-intenzjoni tal-Gvern u b'hekk jiehu *feedback* minn**

**ghandhom. L-ahbar intlaqghet tajjeb hafna mill-Maltin fl-Awstralja u l-Vici Prim Ministru ser ikun jista jgib lura Malta suggerimenti dwar dan l-abbozz li ser jigi ipprezentat iktar tard dis-sena.**

**Il-Vici Prim Ministru ser jiehu din l-okkazjoni biex jiltaqa mal-Maltin li integraw fil-hajja Awtsrljana u ghamlu success ghalihom u ghal pajjzihom. F'kumment qabel ma telaq lejn l-Awstralja huwa enfasizza l-importanza li jinzamm kuntatt ma' Maltin li jghixu f'pajjizi ohra. Dawn dejjem jibqghu jitqiesu bhala Maltin u l-Gvern dejjem hadem biex fejn hu possibbli dan iwettqu mhux bil-kliem biss izda bil-fatti.**